## PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**ONOR. IMĦALLEF MARK SIMIANA, LL.D**

*Rikors Ġuramentat Numru 148/2022 MS*

**Maria Concetta sive Connie Cauchi, Carmelo Cauchi, Clifford Cauchi, Clayton Cauchi u Clarissa Cauchi**

**Vs.**

**Emanuel Mizzi, Anthony Mizzi u Carmelo Mizzi**

Illum, 27 ta' Marzu, 2025

Kawża Numru: 7

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors ġuramentat preżentat mill-atturi fit-22 ta' Frar 2022, li bih wara li ppremettew dan li ġej:

> Dikjarazzjoni tal-Oġġett tal-Kawża
>
> Ir-rikorrenti, għal tal-anqas 22 sena, għenu, wettqu serviġi u għamlu spejjeż mal-mibkija Caterina Mizzi;

Ir-rikorrenti Maria Concetta sive Connie Cauchi u l-intimati Emanuel, Anthony u Carmelo Mizzi jiġu t-tfal tal-mibkija Caterina Mizzi. Ir- rikorrenti Carmelo Cauchi huwa r-raġel ta' Connie Cauchi, filwaqt li l- bqija tar-rikorrenti ossia Clifford, Clayton u Clarissa Cauchi huma t-tfal ta' Connie u Carmelo Cauchi;

Ir-rikorrenti dejjem taw u komplew jirrendu serviġi u jagħmlu spejjeż mal-mejta Caterina Mizzi bl-isperanza u bl-aspettattiva tal-ħlas;

Caterina Mizzi mietet fit-tmintax (18) ta' Frar tal-elfejn u dsatax (2019) (Dok. 'A'). Mal-mewt tagħha, ħalliet lit-tfal tagħha ossia l-intimati Antonio, Carmelo u Emanuel Mizzi, kif ukoll lir-rikorrenti Concetta sive Connie Cauchi, bħala eredi universali (Dok. 'B');

Sal-lum il-ġurnata, l-intimati qua eredi universali ta' Caterina Mizzi, għadhom ma ħallsux lir-rikorrenti tas-servigi li huma rrendew lil Caterina Mizzi;

B'hekk, l-esponenti jixtiequ illi jitħallsu għal tali serviġi li huma wettqu lil Caterina Mizzi;

Ir-rikorrenti Maria Concetta sive Connie Cauchi [K.I. Nru. 168862(M)], Carmelo Cauchi, [K.I. Nru. 169859 (M)], Clifford Cauchi [K.I. Nru. 0591785(M)], Clayton Cauchi, [K.I. Nru. 0280991(M)] u Clarissa Cauchi jafu personalment b'dawn li-fatti kollha.

Raġuni tat-Talba

Għaldaqstant kellhom jigu istitwiti dawn il-proċeduri.

ipproċedew billi talbu lil din il-Qorti, previa kwalunkwe dikjarazzjoni jew ordni meqjusa neċessarji u opportuni, jogħġobha:

1.Tiddikjara illi r-rikorrenti jew min minnhom, wettqu serviġi u għajnuna lil Caterina Mizzi u għamlu spejjeż għal ġid tagħha, u għalhekk, jisthoqqilhom il-ħlas ta' kumpens għal dak illi huma għamlu magħha;

2. Tillikwida, jekk ikun hemm bżonn bl-għajnuna ta' perit imqabbad, I- ammont xieraq illi jirrappreżenta l-kumpens u rimborż tal-ispejjeż hekk dovuti lir-rikorrenti jew min minnhom;

3.Tikkundanna lill-intimati jħallsu lir-rikorrenti jew min minnhom il- kumpens hekk likwidat, flimkien ma dik is-somma likwidata bħala kumpens għall-ispejjeż;

Bl-ispejjeż u imgħax legali (fejn applikabbli) kollha jmorru kontra l-intimati, li jinsabu minn issa ingunti għas-subizzjoni.

2. Rat ir-risposta ġuramentata preżentata mill-konvenut Emanuel Mizzi (minn issa 'l quddiem «il-Konvenut») fit-23 ta' Marzu 2022[1], li permezz tagħha huwa eċċepixxa dan li ġej:

    1. Illi fl-ewwel lok ir-rikorrenti għandhom jagħtu prova ċara u konklussiva tas-servizzi illi huma allegatament irrendew lid-defunta Caterina Mizzi u l-ispejjeż li nefqu, kif ukoll illi huma rrendew it-tali servizzi u għamlu spejjeż bl-isperanza ta' kumpens, u mhux invece b'mod gratuwitu;

    2. Illi fit-tieni lok id-defunta Caterina Mizzi kienet b'saħħitha u independenti sal-aħħar mumenti ta' ħajjitha u mhux talli ma kelliex bżonn min idur biha iżda fil-fatt kienet l-istess Caterina Mizzi li ħadet ħsieb lir-rikorrenti ulied (Clifford, Clayton u Clarissa) u li kienet issajjar u tagħmel il-faċendi fid-dar tal-istess rikorrenti filwaqt li dawn kienu jkunu x-xogħol u/jew l-iskola;

    3. Illi għalhekk ir-rikorrenti, b'mod partikolari Connie Cauchi u Carmelo Cauchi ma wettqu l-ebda' sagrifiċċju u ma bagtħew l-ebda skomodu jew inkonvenjent li jintitolahom għal xi kumpens taħt l-istitut tal-kważi-kuntratt;

    4. Illi f'kull każ ir-rikorrenti, jew min minnhom, ġja ġew adegwtament ikkumpensati in kwantu sa' fejn jaf l-eċċipjenti l-pensjoni tad-defunta Caterina Mizzi kienet tingħadda lir-rikorrenti Connie Cauchi u kif ukoll l-istess Caterina Mizzi kellha diversi dehbijiet u ħaġar prezzjuż li ħadet jew żammet l-istess Connie Cauchi wara d-deċess ta' Caterina Mizzi;

    5. Illi finalment, iżda assolutament mingħajr ebda' preġudizzju għall-premess, f'każ illi dina l-Onorabbli Qorti tqis illi r-rikorrenti, jew min minnhom, huma intotlati għal kumpens għas-seriviġi, il-*quantum* tal-kumpens għandu jkun proporzjonat mal-konsistenza tal-assi ereditarji tad-decuius u inoltre jkun esklussivament ibbażat fuq l-*arbitrio boni viri* diskrezzjonali tal-Qorti u mhux wieħed eżaġerat u sproporzjonat.

    6. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

3. Rat illi l-konvenuti l-oħrajn, għad li laqgħu in-notifika tar-rikors ġuramentat waqt l-udjenza tal-24 ta' Mejju 2022[2], ma preżentaw ebda risposta u għalhekk huma kontumaċi;

4. Semgħet ix-xhieda li ġew prodotti quddiemha;

[1] Fol.17.
[2] Fol.26.

5. Rat ix-xiehda u d-dokumenti miġbura, kif ukoll l-atti proċesswali fl-intier tagħhom;

6. Rat is-sottomissjonijiet bil-kitba li ġew preżentati;

7. Rat li l-kawża ġiet imħollija għall-udjenza tal-lum sabiex tiġi deċiża;

Ikkunsidrat:

8. Illi din hija azzjoni magħmula mill-atturi għal-likwidazzjoni u l-ħlas ta' serviġi li huma jgħidu li taw lil Caterina Mizzi kif ukoll għar-rifużjoni ta' spejjeż li huma jgħidu li nkorrew fl-interess tagħha.

9. Il-Qorti sejra qabel xejn tagħmel riassunt tal-fatti rilevanti kif jirriżultaw mill-provi.

10. L-attriċi Maria Concetta Cauchi u l-konvenuti huma ulied Caterina Mizzi. L-attur Carmelo Cauchi huwa żewġ Maria Concetta Cauchi, u l-bqija tal-atturi huma wliedhom.

11. Caterina Mizzi mietet fit-18 ta' Frar 2019[3]. Is-suċċessjoni tagħha kienet regolata minn testment li hija għamlet flimkien ma' żewġha premorjenti quddiem in-Nutar George Cassar fis-26 t'Ottubru 1988[4]. Permezz tiegħu, huma kienu nnominaw bħala werrieta universali tagħhom lill-uliedhom, f'ishma ndaqs bejniethom[5].

12. Missier il-konvenuti u l-attriċi Maria Concetta Cauchi (li minn issa 'l quddiem se tissejjaħ biss bħala «l-Attriċi») miet fil-21 ta' Mejju 1997[6]. L-Attriċi tgħid li, wara l-mewt ta' missierha, binha l-attur Clifford Cauchi mar jgħix ma' nanntu. Iżda wara xi tlieta jew erba' ġimgħat[7], ittieħdet id-deċiżjoni li Caterina Mizzi u iben l-Attriċi jmorru jgħixu mal-atturi kollha fir-residenza tagħhom. Dak iż-żmien Caterina Mizzi kellha

[3] Fol.6.
[4] Ara r-riċerki testamentarji eżebiti minn fol.87-90.
[5] Fol.7.
[6] Ara x-xiehda bl-affidavit tal-Attriċi, a fol.23.
[7] Ara wkoll ix-xiehda ta' Joanna Psaila, a fol.115.

disa' u sittin sena u kienet b'saħħitha[8]. Kemm hu hekk, jirriżulta li kienet tieħu ħsieb dawk l-atturi li jiġu n-neputijiet tagħhom meta kienu għadhom żgħar[9]. Din ma kinitx l-ewwel darba li Caterina Mizzi għexet mal-atturi, għaliex meta kien għadu ħaj żewġha u kien qed jirċievi l-kura għall-marda li ħakmitu, huma kienu għamlu ħames xhur jgħixu mal-Attriċi u żewġha[10].

13. Il-Konvenut, min-naħa l-oħra, isostni li l-omm ma marritx tgħix għand l-Atturi qabel għaddew mill-inqas għaxar snin mill-mewt ta' missieru. F'dak iż-żmien, hija baqgħet tgħix fid-dar tagħha[11]. Il-Konvenut xehed li wara dak il-perijodu ta' għaxar snin, bdiet tmur torqod għand l-Attriċi iżda saħħitha kienet għadha tajba, tant li matul il-ġurnata kienet tkun f'darha stess[12]. Skont il-Konvenut, kien biss matul l-aħħar ħames snin ta' ħajjitha li Caterina Mizzi bdiet tgħix għand l-Atturi bil-lejl u bi nhar.

14. L-Attriċi tgħid li saħħet l-omm maż-żmien bdiet tmur lura, u fis-sena elfejn u disgħa, l-omm intlaqtet b'vettura u minn hemm aktar marret lura u ma baqgħetx ta' weħidha[13]. L-Attriċi xehdet li l-infermiera kienet tiġi d-dar tagħha biex tieħu d-demm tal-omm. Il-Konvenut imeri dak li tgħid l-Attriċi, fis-sens li ommu kienet tfendi għal rasha u kien biss meta ddaħħlet l-isptar fl-aħħar tliet ġimgħat ta' ħajjitha li kienet teħtieġ l-assistenza[14]. Filwaqt li l-Konvenut jaqbel li seħħ l-inċident b'vettura li laqtet lil Caterina Mizzi, huwa jgħid li ommha ma ndarbitx serjament tant li lanqas l-isptar ma marret.

15. L-Attriċi xehdet ukoll dwar il-modifiki li kellhom isiru fil-kamra tal-banju tad-dar tagħha sabiex takkomoda lill-ommha, li mbagħad kienet tilfet il-mobilità tagħha u kellha tagħmel użu minn siġġu bir-roti sabiex tmur minn kamra għal oħra. Id-doċċa saret tat-tip li tista' tibqa' dieħel fiha, bħal ma ssib fl-isptarijiet u ċjoè li tista' tidħol fiha anki bis-siġġu tar-roti. Dan wassal biex il-kamra tal-banju titkisser kollha u ssir mill-ġdid[15].

[8] Ara x-xiehda bl-affidavit tal-Attriċi, a fol.23.
[9] Ara x-xiehda bl-affidavit tal-attriċi Clarissa Cauchi, a fol.32, kif ukoll tal-attur Clayton Cauchi, a fol.34.
[10] Ara x-xiehda bl-affidavit tal-attur Carmelo Cauchi, a fol.37.
[11] Ara x-xiehda bl-affidavit tal-Konvenut, a fol.77.
[12] Dan huwa sa ċertu punt ikkonfermat mill-Attriċi waqt ix-xiehda in kontro-eżami tagħha, a tergo ta' fol.236.
[13] Ara wkoll ix-xiehda tal-attur Clifford Cauchi, a fol.47-48.
[14] Ara x-xiehda bl-affidavit tal-Konvenut, a fol.77.
[15] Ara x-xiehda bl-affidavit tal-attur Carmelo Cauchi, a fol.38.

16. Fix-xiehda tagħha spjegat ukoll li matul iż-żmien li fih ommha għexet magħha u mal-atturi l-oħra, Caterina Mizzi qatt ma ħallset għal xejn, lanqas għall-mediċini jew f'okkażjonijiet ta' ħruġ[16]. L-attriċi ddikjarat li, għalkemm ommha ġieli offritilha flus, hija qatt m'aċċettat[17]. L-attur Clifford Cauchi xehed li meta kien jintbagħat biex jixtri l-mediċina, ġieli kien jingħata l-flus minn ommu u ġieli minn nanntu[18]. Rigward il-ħruġ, l-Attriċi tgħid li dan ma naqasx, lanqas wara li Caterina Mizzi kellha tuża s-siġġu tar-roti, tant li anki vjaġġ fuq vapur ħaduha magħhom. Meta wasal iż-żmien li Caterina Mizzi ma felħitx toħroġ aktar, l-Attriċi qalet li qatt ma tħalliet weħidha d-dar[19], billi xi ħadd mill-atturi dejjem kien jibqa' magħha[20]. Madanakollu, intqal mill-kappillan tal-parroċċa li kien jiġi jqarbinha fid-dar tal-atturi li ġieli ma kien ikun hemm ħadd magħha u kien isib il-bieb imbexxaq biex jidħol[21].

17. Issemma episodju partikolari fejn Caterina Mizzi kien ħassha ħażin fil-kamra tal-banju u qasmet rasha[22], u rċeviet l-għajnuna mill-atturi Clayton u Clifford aħwa Cauchi, li anke bagħtu għat-tabib[23]. L-attur Carmelo Cauchi xehed li hu stess sab lil Caterina Mizzi mal-art aktar minn darba, u meta kien jisma' xi ħoss bil-lejl kien iqum biex jara l-kunjata tiegħu kellhiex bżonn xi ħaġa[24].

18. L-Attriċi xehdet li hija għamlet dan kollu biex l-omm ma tmurx f'dar tal-anzjani. Caterina Mizzi mietet l-isptar, fejn damet tliet ġimgħat qabel għaddiet għall-ħajja aħjar. Qabel dawk it-tliet ġimgħat, kienet għadha qed tgħix għand l-atturi.

19. Il-konvenuti ma jidhirx li kienu jagħtu xi għajnuna fil-kura ta' ommhom, għalkemm kienu jmorru jarawha[25]. Kienet mart il-konvenut Carmelo Mizzi, Mary Mizzi, li kienet tagħti għajnuna lill-atturi fil-kura ta' Caterina Mizzi[26]. Iżda l-Konvenut xehed li ommu kienet imdejqa għand l-Attriċi għaliex kienet issikkatha magħha b'konsegwenza tal-fatt

---

[16] Ara x-xiehda bl-affidavit tal-attriċi, a fol.23.
[17] Ara x-xiehda in kontro-eżami tal-Attriċi, a fol.253.
[18] Ara x-xiehda tal-attur Clifford Cauchi, a fol.51.
[19] Ara x-xiehda tal-attur Clifford Cauchi, a fol.49.
[20] Ara wkoll ix-xiehda bl-affidavit tal-attriċi Clarissa Cauchi, a fol.32.
[21] Ara x-xiehda ta' Dun Mario Said, a fol.58.
[22] Ara x-xiehda tal-attur Clifford Cauchi, a fol.48.
[23] Ara x-xiehda bl-affidavit tal-attur Clayton Cauchi, a fol.35.
[24] Ara x-xiehda bl-affidavit tal-attur Carmelo Cauchi, a fol.38.
[25] Ara wkoll ix-xiehda ta' Victor Dalli, a fol.70.
[26] Ara x-xiehda ta' Clifford Cauchi, a tergo ta' fol.49, kif ukoll ix-xiehda in kontro-eżami tal-Attriċi, a tergo ta' fol.239.

li l-Attriċi kienet iffissata fl-indafa. Il-Konvenut jgħid li huwa offra lill-ommu tiġi tgħix miegħu, iżda l-omm irrifjutat għax kienet beżgħana mill-Attriċi[27].

20. Il-Konvenut xehed illi l-Attriċi kienet tirċievi l-pensjoni ta' ommhom, u l-omm ma kinitx iżżomm ħlief parti żgħira minn din is-somma[28]. Xehed ukoll li l-Attriċi ħadet id-deheb kollu tal-omm, u dan kollu għandu jitqies bħala kumpens sufficjenti għal kwalunkwe serviġi li hija setgħet ipprestat lill-omm. L-attriċi ċaħdet li hija ħadet id-deheb t'ommha[29]. Mill-provi rriżulta li bejn is-sena 2007 sakemm mietet fl-2019, Caterina Mizzi irċeviet kumplessivament is-somma ta' €90,909.31 f'pensjonijiet[30]. Dawn il-ħlasijiet kienu jsiru b'assenji li kienu jinħarġu fuq Caterina Mizzi jew fuq l-aġent tagħha, Mary Mizzi[31]. Din l-indikazzjoni ta' Mary Mizzi bħala aġent saret madwar sitt xhur qabel mietet Caterina Mizzi, bi qbil ukoll mal-Attriċi, bil-għan li Mary Mizzi tassisti billi ssarraf dawn l-assenji u tagħti l-flus lil Caterina Mizzi[32].

21. L-atturi jgħidu li huma ħaqqhom kumpens ta' kemm għamlu ma' Caterina Mizzi. Waqt il-kontro-eżami tagħha, l-Attriċi qalet: «*Jien tajtha, qatt ma kelli l-ħsieb li niġi kkumpensata pero wara pretendejt li ħuti għandhom japprezzaw dak li għamilt ma' ommna, bħal ma hi ommi hija ommhom ukoll*»[33].

Ikkunsidrat:

22. Illi kif diġà ngħad, l-azzjoni tal-atturi hija prinċipalment għal-likwidazzjoni u ħlas ta' serviġi. Huwa miżmum li l-prestazzjoni ta' serviġi tista' tkun għajn ta' obbligazzjoni abbażi tal-istitut tal-kważi-kuntratti. Kif fisser tajjeb ***Pothier***: «*Dicesi quasi-contratto il fatto di una persona dalla legge permesso che la obbliga verso un altro, o che obbliga un altro verso di essa, senza che intervenga alcuna convenzione tra di loro*»[34]. F'dan is-sens hija wkoll il-ġurisprudenza tagħna (ara, per eżempju, ***Mary Briffa vs. Consiglia Abdilla et***, Prim'Awla, 11 t'April 2017).

---

[27] Ara x-xiehda bl-affidavit tal-Konvenut, a fol.79.
[28] Ara x-xiehda bl-affidavit tal-Konvenut, a fol.78.
[29] Ara x-xiehda in kontro-eżami tal-Attriċi, a fol.239.
[30] Fol.109.
[31] Ara x-xiehda ta' Saviour Theuma, a fol.247.
[32] Ara x-xiehda in kontro-eżami tal-Attriċi, a fol.252.
[33] A tergo ta' fol.239.
[34] Opere (Livorno, 1841), Vol.I, Trattato Delle Obbligazioni, paġ.92.

23. B'mod ġenerali, teżisti l-preżunzjoni li kull minn jippresta serviġi għamel dan bit-tama ta' kumpens (ara f'dan is-sens ***Kevin Sammut et vs. Epsilon Limited***, Appell Superjuri, 16 ta' Jannar 2025). Ġie wkoll deċiż li talba ġudizzjarja għal serviġi hija ammissibbli anki fejn min jgħid li ippresta s-serviġi diġà rċieva kumpens, fil-każ li l-kumpens ma jkunx ġie miftiehem jew fejn min irċieva s-serviġi jkun ta t-tama ta' kumpens aqwa (ara f'dan is-sens ***Salvatore Camilleri vs. Paolina Piscopo***, Appell Superjuri, 2 t'April 1937)[35].

24. Dwar serviġi prestati bejn persuni imparentati, il-ġurisprudenza tagħna mhux dejjem applikat il-preżunzjoni ta' kumpens bl-istess mod. Fid-deċiżjoni ***Lourdes Gatt ed vs. Filippa Gatt ne*** (Prim'Awla, 26 ta' Frar 1932)[36] intqal: «*Che, come fu deciso da questa Corte il 18 ottobre 1898 in re "Wyatt utrinque" (Collezione Vol. XVI, parte II, pag. 316), le assistenze personali prestate da un parente all'altro, quando non cagionano una perdita materiale, ma soltanto un incomodo o sacrificio personale, per grave che sia, si ritengono prestate per spirito di affezione e con intenzione disinteressata, "pietatis vel familiaritatis causa". E pertanto in controversie simili alla presente, quando vi è contestazione sulla retribuibilità o meno dei servigi prestati, la quistione da risolvere è una di fatto, che dipende dalle relazioni più o meno strette di parentela, dalla convivenza o meno di chi presta i suoi servigi e di colui a favore del quale vengono prestati, e sopra tutto dalla convenzione espressa o tacita, avuto riguardo in questo ultimo caso alla probabile intenzione delle parti*». Dan il-ħsieb ġie elaborat fid-deċiżjoni ***Ester Farrugia et vs. Nutar Dr. Carmelo Farrugia ne*** (Appell Superjuri, 14 ta' Frar 1938)[37] kif ġej:

> Li dejjem ġie ritenut li fil-każ ta' serviġi bejn parenti u affini, dawna "in principio" jiġu magħmula *amoris, pietatis vel familiaritatis causa*, imma dan ma għandux jimporta li din il-presunzjoni hija assoluta; għall-kuntrarju l-ġurisprudenza ippronunzjat ruħha fis-sens li dik il-preżunzjoni tista' tiġi mwaqqgħa minn provi li juru x'kienet l-intenzjoni tal-persuna li qiegħda tirrendi dawk is-serviġi...

[35] Kollezz. Vol.XXIX.i.931.
[36] Kollezz. Vol.XXVIII.ii.192.
[37] Kollezz. Vol.XXX.i.47.

25. F'din l-aħħar deċiżjoni ċitata, insibu wkoll riferenza għal deċiżjoni aktar antika, u ċjoè dik fl-ismijiet ***Paola moglie di Giuseppe Gauci vs. Filipp Camilleri ed altri*** (Prim'Awla, 30 ta' Ġunju 1917)[38] li fiha ġie ritenut li: «*... che la presunzione della gratuita prestazione dei servigi "pietatis, familiaritatis causa" non ha luogo nel diritto contemporaneo e secondo la giurisprudenza moderna che nei soli casi in cui la pietà e la carità della famiglia non possono essere assolutamente escluse, sia da espresse convenzioni, sia da altre circostanze atte a distruggere e rimuovere la presunzione contraria, poichè ogni servigio si ha da presumere prestato, se non concorrono motivi per giustificare il sacrificio, nella speranza d'un compenso...*».

26. Il-ġurisprudenza posterjuri imbagħad ħadet pożizzjoni differenti minn dik pronunzjata qabel. Insibu, per eżempju, d-deċiżjoni ***Albert Borg Falzon et vs. A.I.Ċ. Joseph Salvino dei Conti Manduca et*** (Prim'Awla, 9 ta' Jannar 1951)[39] fejn intqal illi: «*Il-prestazzjoni tas-serviġi mhijiex preżunta li tkun saret gratuwitament; u l-intenzjoni tal-gratuwità u r-rinunzja għall-kumpens ma għandhomx jiġu akkolti faċilment. Il-preżunzjoni tan-"non gratuwità" fil-ġurisprudenza anterjuri ġiet sostitwita bil-preżunzjoni kuntrarja fil-każ ta' serviġi bejn parenti, fejn is-serviġi ġew ritenuti bħala prestati "familiaritatis causa". Imma fil-ġurisprudenza aktar riċenti, anke għar-rigward tal-parenti, ġie applikat il-prinċipju illi kwalunkwe serviġi jiġu ritenuti prestati bi speranza ta' kumpens, jekk ma jikkonkorrux ċirkostanzi tali li jiġġustifikaw konkludentement il-gratuwità, sija pue minħabba relazzjonijiet ta' parentela...*».

27. Il-Qorti tal-Appell kellha okkażjoni teżamina mill-ġdid it-tħaddim tal-preżunzjoni ta' gratuwità fid-deċiżjoni ***Giuseppa Pulis vs. Saverio Pulis*** (12 ta' Frar 1965)[40]. Ġie miżmum dan li ġej:

> Kwantu għat-tieni motiv, minn żmien antik ġie ritenut fil-ġurisprudenza tagħna li għalkemm bħala regola mhux dovut salarju għal serviġi jekk ma jkunx ġie konvenut, jew jekk min jippresta s-serviġi ma jkollux l-intenzjoni li jitħallas iżda l-prestazzjoni gratuwita tas-serviġi m'għandhiex tiġi preżunta u l-animu li tagħti b'xejn l-istess serviġi u r-rinunzja għal kull retribuzzjoni anke bejn konsangwinei jew affini, ma għandhiex tiġi faċilment

[38] Kollezz. Vol.XXIII.ii.255.
[39] Kollezz. Vol.XXXV.ii.335. Ikkonfermata fl-appell fit-23 t'April 1951.
[40] Kollezz. Vol.XLIX.i.181.

> akkolta, meta taħt iċ-ċirkostanzi tal-każ partikolari s-serviġi jkunu kkaġunaw risparmi lil dik il-persuna li lilha jkunu ġew prestati (Vol. VII paġ. 431). In segwitu f'xi sentenzi ġiet enunċjata r-regola illi s-serviġi personali prestati lil konsangwinei jew affini huma presunti resi mingħajr intenzjoni ta' kumpens pekunjarju sakemm ma jikkonkorrux ċirkostanzi tajba biex jiddistruġġu dik il-preżunzjoni; iżda r-regola segwita mill-ġurisprudenza reċenti hi dik imsemmija mill-ewwel Qorti jiġifieri li s-serviġi jiġu ritenuti prestati bi speranza ta' kumpens jekk ma jikkonkorrux ċirkostanzi tali li jiġġustifikaw konkludentement il-gratwità sja pure minħabba relazzjonijiet ta' parentela (Collez. XXXVIII, II, 568).
>
> Fil-każ presenti jikkonkorru ċirkostanzi, riżultati mill-provi, li jiġġustifikaw il-gratwia; u, inveru, il-vinkolu ta' konsangwinita minn bint għal missier hu tant viċin li jiġġustifika l-opinjoni ta' l-esistenza ta' affezzjoni biżżejjed kbira biex twassal anke għal sagrifiċċji personali ta' entita kbira u għal żmien twil mingħajr l-intenzjoni ta' ħlas iġifieri li juru li ma kienx hemm da parti ta' l-appellanti f'dak iż-żmien intenzjoni li tirrendihom bi ħlas, u jiġġustifikaw l'opinjoni illi l-missier kien jaħseb li s-serviġi kienu qegħdin jiġu lilu resi min bintu gratwitament, speċjalment meta wieħed jikkunsidra li kienet qegħda tgħix fl-istess dar miegħu u tiekol u tixrob u tilbes minn flusu. Jista jiżdied li s-serviġi ma kienux qegħdin jimpurtaw lill-appellanti sagrifiċċji jew nkommodi speċjali, billi, kif irrilevat l-ewwel Qorti, kienu dawk komuni ta' xebba li ddur b'missierha.

28. Il-linja tal-ħsieb li s-serviġi jibqgħu preżunti li ġew prestati bit-tama ta' kumpens anki bejn familjari baqgħet tiġi mħaddna mill-ġurisprudenza tagħna. Hekk insibu, per eżempju, f'dak is-sens id-deċiżjoni ***Mary Grace Attard et vs. Rosario Attard*** (Appell Superjuri, 13 t'Ottubru 1989)[41] kif ukoll id-deċiżjoni ***George Sciberras et vs. Josephine Spiteri et*** (Appell Superjuri, 1 t'April 2005).

29. Issa, eżaminati l-provi f'din il-kawża kif ġew aktar qabel riepilogati, għandu jirriżulta li Caterina Mizzi ma kinitx qed tirċievi serviġi mingħand l-atturi sa mill-bidu tal-abitazzjoni tagħha magħhom wara l-mewt ta' żewġha. Irriżulta fil-fatt li f'dik l-epoka hija kienet għadha f'saħħitha, u kienet toħroġ u tfendi għal rasha u anki tmidd idejha fit-tisjir, fl-indukrar ta' wlied bintha kif ukoll fit-twettiq ta' faċendi tad-dar oħrajn.

[41] Kollezz. Vol.LXXIII.ii.396.

30. L-atturi jgħidu li s-sitwazzjoni inbidlet wara li ntlaqtet minn karozza fl-2009. Dan huwa kontestat mill-Konvenut. Sfortunatament, il-konvenuti l-oħrajn baqgħu kontumaċi u la l-atturi u lanqas il-Konvenut ma dehrilhom li kellhom jipproduċuhom bħala xhieda. Lanqas ma ġiet prodotta bħala xhud Mary Mizzi, mart il-konvenut Carmelo Mizzi, li l-atturi jgħidu kienet tassisti fil-kura ta' Caterina Mizzi.

31. Ix-xiehda fir-rigward tal-kondizzjoni fiżika ta' Caterina Mizzi m'hijiex daqstant ċara. Joanna Psaila, meta ġie suġġerit lilha li Caterina Mizzi kienet tkun fis-sular terran tal-abitazzjoni tal-atturi għaliex ma tantx kienet tiflaħ timxi, wieġbet le[42]. Min-naħa l-oħra, Dun Mario Borg, għalkemm f'termini mhux daqshekk ċari, fix-xiehda tiegħu ta x'tifhem lill-Qorti li Caterina Mizzi ma kinitx tista' tiċċaqlaq wisq biex tiftaħ il-bieb ta' barra, u kien għalhekk li meta kienet tkun weħidha d-dar, il-bieb ta' barra kien jitħalla mbexxaq biex jidħol hu[43]. Min-naħa l-oħra, irriżulta wkoll mix-xiehda tal-istess Joanna Psaila li huwa minnu li l-atturi bidlu l-kamra tal-banju fl-interess ta' Caterina Mizzi[44], u l-fatt li l-kamra tal-banju inbidlet huwa indikatur ta' deterjorazzjoni fil-kondizzjoni ta' Caterina Mizzi. B'danakollu mix-xiehda ta' dawn il-persuni mhux ċar għal liema perijodu ta' żmien kienu qed jirreferu.

32. Meta wieħed iqis il-verżjonijiet konfliġġenti tal-kontendenti fuq il-bażi tal-verosimilitudni u tal-probabbli, jasal għall-konklużjoni li, fil-probabbilità kollha, il-kondizzjoni fiżika ta' Caterina Mizzi tassew li ddeterjorat. Dan wara kollox huwa stat komuni għall-bnedmin kollha li jgħixu sal-età li għaliha għexet omm l-Attriċi u l-konvenuti. Il-Qorti però hija tal-fehma li din id-deterjorazzjoni damet ċertu ammont ta' snin sakemm wasslet lil Caterina Mizzi fi stat li kienet tiddependi mill-atturi, u ċertament li ma bdietx mis-sena 2009, iżda xi snin wara. Skont l-Attriċi, Caterina Mizzi ma kinitx tiflaħ toħroġ mid-dar fl-aħħar erba' snin ta' ħajjitha[45]. Min-naħa l-oħra t-tabib tal-familja tal-atturi xehed li l-istat ta' saħħa tagħha kien raġjonevoli għall-età tagħha[46].

[42] Fol.117-118.
[43] Fol.58.
[44] Fol.118.
[45] A tergo ta' fol.238.
[46] Fol.46.

33. Il-Qorti ma tistax tasal għall-konklużjoni differenti. Fuq kollox, kien jinkombi fuq l-atturi li jressqu provi biżżejjed sabiex jissostanzjaw il-pretensjonijiet tagħhom. Prova ta' importanza, fil-fehma tal-Qorti, kienet tkun id-data meta nbidlet il-kamra tal-banju biex tiġi akkomodata Caterina Mizzi. Bidla din li kienet neċessarja proprju minħabba d-deterjorazzjoni tal-istat fiżiku tagħha, u li għalhekk kienet prova tajba taż-żmien meta dik id-deterjorazzjoni mmanifestat ruħha fi stat tali li Caterina Mizzi ma setgħetx tidħol u toħroġ mill-banju jew mid-doċċa weħidha. Din il-prova però ma saritx. L-atturi mhux biss ma ppreżentawx xi riċevuti biex juru meta x-xogħol sar, imma lanqas ma ndikaw imqar bix-xiehda tagħhom iż-żmien meta saret din il-kamra tal-banju.

34. B'danakollu, xi serviġi min-naħa tal-atturi jirriżulta li tassew saru, almenu għaż-żmien li fih Caterina Mizzi ma baqgħetx f'kondizzjoni fiżika daqshekk tajba.

35. Imiss issa li l-Qorti teżamina jekk fil-każ odjern tissussistix il-preżunzjoni favur il-kumpens jew le. Mill-ġurisprudenza li diġà ġiet iċċitata aktar qabel f'din id-deċiżjoni, jirriżulta li l-pożizzjoni attwali hija li anki meta s-serviġi jiġu reżi bejn familjari hemm il-preżunzjoni li dawk is-serviġi ġew reżi bit-tama ta' kumpens. Din il-preżunzjoni tibqa' tgħodd sakemm il-provi ma jurux li **fiż-żmien li fih ġew reżi dawk is-serviġi**, min ipprestahom kien qed jaġixxi mingħajr l-intenzjoni li jikseb xi kumpens. Loġikament jekk min jirrendi serviġi ikun qed jaġixxu b'animu ta' liberalità, ma jistax imbagħad wara jippretendi ħlas.

36. Fil-każ tal-lum il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt li l-provi juri b'mod ċar li l-Attriċi, u magħha l-atturi l-oħrajn, ma jidhirx li meta għamlu s-serviġi in kwistjoni kellhom il-ħsieb li jiksbu xi kumpens. L-Attriċi kienet kategorika meta xehdet: «*Jien tajtha, qatt ma kelli l-ħsieb li niġi kkumpensata pero wara pretendejt li ħuti għandhom japprezzaw dak li għamilt ma' ommna, bħal ma hi ommi hija ommhom ukoll*»[47]. In-nuqqas ta' tama tagħha li tikseb kumpens tirriżulta wkoll mill-fatt li hija xehdet li ommha kienet toffrilha l-flus u hija qatt ma aċċettat sold: «*Ġieli riedet ittini, iva, imma jiena dejjem irrifjutajt*»[48]. Min jagħmel serviġi bl-iskop li jitħallas ma jirrifjutax il-flus li jiġu offruti lilu mir-reċipjent tas-serviġi.

[47] A tergo ta' fol.239.
[48] Fol.253.

37. Dan apparti l-fatt li l-Attriċi kienet ċara ħafna meta xehdet li l-kawża saret minħabba n-nuqqas ta' rispett li hija rat mingħand ħutha[49]. Kemm hu veru, l-kawża nfetħet madwar tliet snin wara l-mewt tal-omm, u dan il-fatt ikompli jikkonferma li l-Attriċi, u magħha l-atturi l-oħrajn li flimkien jiffurmaw familja waħda[50], għamlu li għamlu mingħajr it-tama jew ix-xewqa ta' kumpens.

38. Il-Qorti mill-provi hija konvinta li l-atturi, fiż-żmien li huma assistew lil Caterina Mizzi, għamlu dan minn qalbhom mingħajr prospetti ta' kumpens, u aktarx motivati minn spirtu ta' reċiproċità li bih riedu jpattu lil Caterina Mizzi għaż-żmien li fih kienet hi li tieħu ħsiebhom. Fil-fatt waqt il-kontro-eżami l-Attriċi qalet: «*Meta kienet tgħix magħna ħaditli ħsiebhom* (uliedha) *anki meta ma kinitx tgħix magħna, meta ommi ġiet bżonn it-tfal raddewla dak kollu lura*»[51].

39. Kemm hu hekk, il-provi juru li l-atturi ressqu din il-kawża biss minħabba dik li huma sejħu ingratitudni, partikolarment min-naħa tal-Konvenut, li rriskontraw <u>wara</u> l-mewt ta' Caterina Mizzi. Dan ifisser illi x-xewqa għall-kumpens ġiet iffurmata <u>wara</u> l-prestazzjoni tas-serviġi, u għalhekk il-konklużjoni tal-Qorti li s-serviġi ġew reżi gratuwitament hija korretta.

40. Il-fatt li s-serviġi ġew reżi gratwitament, għalkemm jirrifletti b'mod tajjeb fuq l-atturi li ħadu ħsieb li jindukraw u jagħmlu l-aħħar snin ta' ħajja ta' Caterina Mizzi aktar faċili u pjaċevoli għaliha, ma jistax ħlief jinċidi fuq il-fondament tat-talba tagħhom. Dak li l-atturi għamlu minn qalbhom u bla skop ta' kumpens issa ma jistax jiġi kkumpensat. Il-Qorti qed tasal għal din il-konklużjoni avolja fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu il-Konvenut qal li mhux se jinsisti fuq l-ewwel eċċezzjoni tiegħu «*fid-dawl tal-ġurisprudenza l-aktar riċenti stabbilita*», u dan billi l-prova li s-serviġi ġew reżi bit-tama ta' kumpens tolqot il-fondament tat-talba tal-atturi, li għalhekk kienu mistennija li jippruvaw dik it-tama anki fl-assenza ta' eċċezzjoni mill-konvenuti. Wara kollox, il-

[49] Fol.240.

[50] Hekk, per eżempju, l-attur Clayton Cauchi fl-affidavit tiegħu jgħid: «*...ridt nagħti lura għal dak kollu li għamlet miegħi*» (fol.34). U l-attur Carmelo Cauchi jtemm l-affidavit tiegħu billi jgħid: «***<u>Illum il-ġurnata</u>*** *nemmen illi jien u familti ħaqqna xi forma ta' kumpens għal dak kollu li għamilna ma' Caterina*» (fol.38 – enfażi in calce u sottolinear miżjud).

[51] Fol.238.

konvenuti l-oħrajn huma kontumaċi, u għalhekk l-oppożizzjoni tagħhom hija, skont ġurisprudenza sekolari, preżunta.

41. Dan però ma jwassalx għar-riġett totali tat-talbiet tal-atturi.

42. Fir-rikors ġuramentat tagħhom, l-atturi jgħidu li mhux biss għamlu serviġi favur Caterina Mizzi, iżda anki «*għamlu spejjeż għal ġid tagħha*». Dawn l-ispejjeż jidher li huma konsistenti mill-ispejjeż li solitament jintefqu fil-ħajja ta' kuljum, bħal ma huma ikel u utilitajiet. Minn żmien antik ġie miżmum illi: «*Che sebbene di regola un salario per servigi non è dovuto, se non è convenuto, oppure se chi lo presta non ha intenzione di farsi pagare; purnondimeno la prestazione gratuita dei servigi non si presume, e l'animo di donare i detti servigi e la rinunzia a qualunque retribuzione, anche fra consanguinei od affini, non deve familmente accogliersi, quando sotto le circostanze di ogni caso particolare i servigi avranno cagionato dei risparmi a vantaggio della persona, alla quale sono stati prestati*» (***Felicia Felice vs. Giuseppe Vella***, Prim'Awla, 22 ta' Ġunju 1875)[52]. M'hemmx dubju li l-fatt li Caterina Mizzi għexet għal żmien daqshekk twil mal-atturi wassal biex hija iffrankat ċertu ammont ta' spejjeż. Dan min-naħa l-oħra wassal biex Caterina Mizzi tfaddal parti akbar mill-pensjoni, li finalment ibbenefika lill-konvenuti kif ukoll lill-Attriċi stess, bħala werrieta tagħha. Għall-ispejjeż li l-atturi nefqu fl-interess ta' Caterina Mizzi, u li wasslu allura sabiex il-patrimonju tagħha kiber, l-atturi jistħoqqilhom kumpens.

43. Dwar dawn l-ispejjeż, ma tressqux provi. Dan però ma jwaqqafx lill-Qorti milli tillikwida l-ammont dovut *arbitrio boni viri* (ara per eżempju ***Mary Rose Camilleri et vs. Dr. Michael Vella Haber et***, Appell Superjuri, 10 t'Ottubru 2023). Caterina Mizzi kienet ilha tgħix mal-atturi sa minn nofs is-sena 1997 sakemm mietet fil-bidu tas-sena 2019, u l-Qorti jidhrilha li l-abitazzjoni tagħha mal-atturi wassal biex hija tiffranka spejjeż tal-ħajja ta' kuljum bħal ma huma ikel, utilitajiet, kif ukoll ċertu ammont ta' safar u ħruġ (għalkemm għal ċertu żmien hija kienet toħroġ weħidha wkoll). Dawn l-ispejjeż evitati bis-saħħa tal-atturi wasslu biex il-patrimonju ta' Caterina Mizzi ma jġarrabx diminuzzjoni, u b'hekk ibbenefikaw il-werrieta tagħha.

[52] Kollezz. Vol.VII.430.

44. Il-Qorti trid tagħmilha ċara li l-kumpens li se jiġi ffissat hawnhekk huwa unikament b'rabta mal-ispejjeż tal-ħajja li nefqu l-Attriċi u żewġha fl-interess ta' Caterina Mizzi. Għas-serviġi nnifishom – u ċjoè dawk l-atti li bihom l-atturi ipprestaw għajnuna u kura favur Caterina Mizzi – ma huwa qed jiġi likwidat ebda kumpens, la darba l-Qorti sabet li dawn twettqu mingħajr it-tama ta' kumpens.

45. Għall-perijodu ta' madwar tnejn u għoxrin sena li fihom irriżulta li Caterina Mizzi għexet mal-atturi, il-Qorti qed tiffissa, *arbitrio boni viri*, is-somma ta' €32,000.

46. Dan il-kumpens, naturalment, għandu jinqasam b'mod ugwali bejn il-werrieta ta' Caterina Mizzi, kompriża l-Attriċi stess, li bħala werrieta tagħha wkoll ibbenefikat mill-fatt li l-patrimonju ta' ommha ġie konservat. Dan ifisser għalhekk li kull wieħed mill-konvenuti għandu jħallas lill-Attriċi u lil żewġha Carmelo Cauchi (li nkorrew l-ispejjeż in kwistjoni) is-somma ta' €8,000.

47. Dwar l-eċċezzjoni tal-Konvenut li l-Attriċi ġiet diġà adekwatament kumpensata, jingħad li din l-eċċezzjoni ma ġietx sostnuta mill-provi. Irriżulta li l-pensjoni kienet titħallas lil Caterina Mizzi, u fl-aħħar xhur ta' ħajjitha, lil Mary Mizzi, li kienet issarrafha f'isimha. Ma rriżultax li din il-pensjoni ġiet mgħoddija lill-Attriċi. U l-allegazzjoni tal-Konvenut li l-Attriċi ħadet id-deheb tal-omm ma ġiet sostnuta b'ebda xiehda oħra ħlief minn tiegħu stess. Il-Konvenut naqas milli jipproduċi bħala xhieda lill-konvenuti l-oħrajn, u għalhekk il-Qorti ssib l-eċċezzjoni bħala infondata.

48. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

(i) tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Emanuel Mizzi sa fejn mhux kompatibbli ma' dak ritenut f'din is-sentenza;

(ii) tilqa' l-ewwel talba fis-sens li tiddikjara (a) li l-atturi wettqu serviġi lil Caterina Mizzi u (b) li l-atturi Maria Concetta sive Connie Cauchi u Carmelo Cauchi għamlu spejjeż għal ġid ta' Caterina Mizzi, u (ċ) għad illi s-serviġi msemmija ġew prestati mingħajr skop ta' kumpens, l-atturi Maria Concetta sive Connie Cauchi u Carmelo Cauchi jistħoqqilhom kumpens għall-ispejjeż inkorsi minnhom li wasslu għall-preservazzjoni tal-patrimonju ta' Caterina Mizzi;

(iii) tilqa' t-tieni talba billi tillikwida l-ammont ta' dak il-kumpens fis-somma kumplessiva ta' sitta u tletin elf Ewro (€36,000), b'dan li l-ammont hekk likwidat huwa dovut mill-werrieta ta' Caterina Mizzi f'sehem indaqs bejniethom;

(iv) tilqa' t-tielet talba billi tikkundanna lil kull wieħed mill-konvenuti sabiex iħallas lill-atturi Maria Concetta sive Connie Cauchi u Carmelo Cauchi s-somma ta' tmint elef Ewro (€8,000) kull wieħed;

(v) fiċ-ċirkostanzi tal-każ tordna li l-ispejjeż tal-kawża jinqasmu in kwantu għal żewġ terzi ($^2/_3$) mill-konvenuti u in kwantu għar-rimanenti terz ($^1/_3$) mill-atturi.

Onor. Mark Simiana, LL.D
Imħallef

Lydia Ellul
Deputat Reġistratur